| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>**dwar jekk id-diossidu tal-karbonju għandux jitqies bħala sustanza speċifika b'limiti xierqa f'verżjoni riveduta tad-Direttiva Seveso**<br>Is-CO2 huwa sustanza komuni u bħalissa mhuwiex ikklassifikat bħala perikoluż. Għalhekk il-ġarr u s-siti ta' ħżin tas-CO2 mhumiex inklużi fid-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi (id-Direttiva Seveso). Abbażi tal-analiżi preliminarja tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni disponibbli, għall-ġarr tas-CO2, kemm l-evidenza empirika kif ukoll dik immudellata għall-ġarr permezz tal-pajpijiet jidhru li se jindikaw li r-riskji ppreżentati mhumiex ogħla minn dawk tal-ġarr tal-gass naturali permezz tal-pajpijiet. Jidher li jiġri l-istess għall-ġarr tas-CO2 bil-baħar meta mqabbel mal-ġarr tal-gass naturali likwifikat jew tal-gass taż-żejt mhux raffinat likwifikat. L-indikazzjonijiet juru wkoll li r-riskju ta' inċident f'sit fejn jinħażen is-CO2, ikkawżat jew minn qsim waqt l-injezzjoni jew inkella minn xi tnixxijiet wara li jkun hemm injezzjoni, aktarx li ma jkunx sinifikanti. Madankollu, ser titqies f'iktar dettall l-eventwalità li s-CO2 jiġi kklassifikat bħala sustanza speċifika fl-ambitu tad-Direttiva Seveso waqt li tkun qiegħda tiġi żviluppata r-reviżjoni proposta tad-Direttiva li hija mistennija lejn l-aħħar tal-2009 u l-bidu tal-2010. Jekk mill-valutazzjoni joħroġ li hemm riskju potenzjali ta' inċident serju, il-Kummissjoni se tagħmel proposti sabiex s-CO2 ikun inkluż bħala sustanza speċifika b'limiti xierqa fil-verżjoni riveduta tad-Direttiva Seveso. F'dak il-każ, il-Kummissjoni tipproponi wkoll bidliet fl-Anness III għad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali) kif ikun f'loku, sabiex ikun żgurat li l-istallazzjonijiet kollha ta' Seveso li jittrattaw is-CO2 superkritiku jkunu koperti bid-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali. | | | |

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TA' VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>rigward l-iżolament minerali tas-$CO_2$<br>L-iżolament minerali tas-$CO_2$ (l-iffissar tas-$CO_2$ fil-forma ta' karbonati inorganiċi) huwa teknoloġija potenzjali għat-tnaqqis tat-tibdil fil-klima li fil-prinċipju jista' jintuża mill-istess kategoriji tal-istallazzjonijiet industrijali li jistgħu jużaw il-ħżin ġeoloġiku tas-$CO_2$. Madankollu, dan bħalissa għadu fl-istadju ta' żvilupp. Barra mill-penali enerġetika[1] relatata mal-qbid tas-$CO_2$, bħalissa hemm penali enerġetika sostanzjali li għandha x'taqsam mal-proċess ta' karbonizzazzjoni minerali fih innifisu, fenomenu li ser ikollu jiġi indirizzat qabel ma tkun tista' tiġi prevista l-implimentazzjoni kummerċjali. Bħal fil-każ tal-ħżin ġeoloġiku, għandhom jiġu stabbiliti l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun żgurata s-sikurezza ambjentali tat-teknoloġija. Dawn il-kontrolli aktarx ikunu sostanzjalment differenti minn dawk tal-ħżin ġeoloġiku ta' $CO_2$, minħabba d-differenzi fundamentali bejn it-teknoloġiji. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni ser issegwi mill-qrib il-progress tekniku tal-iżolament minerali, bil-ħsieb tal-iżvilupp ta' qafas legali li jippermetti iżolament minerali sikur għall-ambjent u r-rikonoxximent tiegħu fl-ambitu tas-Sistema ta' Skambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, meta t-teknoloġija tkun laħqet livell adatt ta' żvilupp. Minħabba l-interess fost l-Istati Membri fit-teknoloġija u r-ritmu tal-bidliet teknoloġiċi, aktarx li l-ewwel valutazzjoni se titwettaq għall-ħabta tal-2014, jew qabel jekk iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw dan.</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE</td><td>PE-CONS 3736/2/08 REV 2</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>Rigward il-Bażi Legali<br>Ir-Renju Unit huwa tal-fehma li l-adozzjoni tad-Direttiva fuq il-bażi legali tal-Artikolu 175(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni futura tal-Artikolu 175(2) tat-TKE inkluż b'mod partikolari għal miżuri li fihom dispożizzjonijiet dwar il-politika fiskali.</td></tr>
</table>

[1] "Il-penali enerġetika" huwa t-terminu użat sabiex ikun espress il-fatt li impjant li japplika l-qbid tas-$CO_2$ jew il-mineralizzazzjoni tas-$CO_2$ juża xi ftit mill-enerġija tiegħu għal dawk il-proċessi, u b'hekk ikun jeħtieġ aktar enerġija minn impjant li għandu produzzjoni ekwivalenti mingħajr qbid/mineralizzazzjoni.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-Artikolu 2(e):** Il-Kummissjoni hija tal-fehma li għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "skart industrijali u muniċipali" jista' jinkludi skart imsejjaħ "skart kummerċjali".<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-Artikolu 23(8), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż:** Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-referenza għal mira ta' 20 % fl-Artikolu 23(8), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiż, ma hijiex se tiġi interpretata b'mod differenti għall-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-Artikolu 23(8)(c), (9) u (10):** Il-Kummissjoni tagħraf li ċerti Stati Membri, saħansitra fl-2005, diġà kienu kisbu sehem għoli ta' enerġija rinnovabbli fil-livell nazzjonali. Matul it-tfassil tar-rapporti msemmija fl-Artikoli 23(8)(c), (9) u (10), il-Kummissjoni, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha tal-aqwa bażi għall-effikaċja tal-infiq, ser tqis kif xieraq l-ispejjeż marġinali taż-żidiet fis-sehem ta' enerġiji rinnovabbli, u tinkludi, kif xieraq, soluzzjonijiet adegwati wkoll għa Stati Membri fi kwalunkwe proposta li titressaq skont l-Artikolu msemmi hawn fuq tad-Direttiva.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-Anness VII:** Il-Kummissjoni se tfittex li tavvanza l-iżvilupp tal-linji gwida msemmija fl-Anness VII tad-Direttiva sal-2011 u se tikkoopera mal-Istati Membri biex tiżviluppa d-data u l-metodoloġiji meħtieġa sabiex jiġi stmat u mmonitorjat il-kontribut tal-pompi tas-sħana sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva. Il-linji gwida ser jipprovdu għal korrezzjonijiet għall-valuri tal-Fattur ta' Prestazzjoni Staġjonali (SPF) li jintużaw għall-valutazzjoni tal-inklużjoni tal-pompi tas-sħana li ma jitħaddmux bl-elettriku sabiex jitqies il-fatt li l-ħtiġijiet primarji tal-enerġija ta' pompi tas-sħana bħal dawn mhumiex affettwati mill-effiċjenza tas-sistema tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Fit-tħejjija ta' dawn il-linji gwida l-Kummissjoni se tevalwa wkoll il-fattibbiltà tal-provvediment għal metodoloġija li skontha l-valur tal-SPF li jintuża għall-valutazzjoni tal-inklużjoni ta' kwalunkwe pompa tas-sħana partikolari jkun ibbażat fuq il-kondizzjonijiet klimatiċi medji tal-UE. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE, rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3740/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li t-tnaqqis ta' 2 % msemmi fl-Artikolu 7a(2), l-ittri b) u c), mhux vinkolanti u li r-reviżjoni ser tindirizza n-natura nonvinkolanti tagħhom. | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi ħfief (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3741/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tikkonferma li fl-2009 hija bi ħsiebha tipproponi reviżjoni tad-Direttiva 1999/94/KE relatata mad-disponibbiltà ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u l-emissjonijiet tas-CO2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda. Dan għandu jiżgura li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni adegwata dwar l-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi tal-passiġġieri ġodda.<br>Sal-2010 l-Kummissjoni ser tirrevedi d-Direttiva 2007/46/KE sabiex il-preżenza ta' teknoloġiji innovattivi ("eko-innovazzjonijiet") f'vettura u l-impatt tagħhom fuq l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO2 ta' vettura jistgħu jkunu komunikati lill-awtoritajiet tal-Istat Membru responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar skont ir-Regolament.<br>Il-Kummissjoni ser tikkunsidra wkoll it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' rekwiżiti għall-karozzi biex ikunu mgħammra b'apparat li jkejjel il-konsum tal-karburant, bħala mezz biex jitħeġġeġ is-sewqan aktar effiċjenti fil-karburant. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-emendar tal-leġislazzjoni qafas dwar l-approvazzjoni tat-tip u l-adozzjoni tal-istandards tekniċi meħtieġa sal-2010.<br>Madankollu, il-Kummissjoni hija impenjata li tilħaq l-objettivi tal-inizjattiva tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar u l-ħtieġa li l-proposti jkunu bbażati fuq valutazzjoni komprensiva tal-impatti u l-benefiċċji. F'dan ir-rigward, u b'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni ser tkompli tevalwa l-ħtieġa li tressaq proposti leġislattivi ġodda iżda żżomm id-dritt tagħha li tiddeċiedi jekk u meta jkun xieraq li tippreżenta dawn il-proposti. | | | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-7 ta' April 2009** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 284/2009 tas-7 ta' April 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni, rigward ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja | 17575/08<br>+ REV 1 (da)<br>+ REV 3 (el)<br>+ REV 4 (ro)<br>+ COR1 (lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża**<br>Konxja mill-importanza ta' din il-proposta rigward ir-rispons tal-Unjoni Ewropea għall-kriżi ekonomika u l-ħtieġa tar-rilanċ tat-tkabbir u l-investiment fl-Istati Membri kollha, id-delegazzjoni Portugiża b'dan tiddikjara li hija tista' taqbel mal-proposta għal Regolament ta' hawn fuq.<br>Mingħajr preġudizzju għal dak il-vot favur, il-Portugall iħoss li għandu jingħad, kif sar b'rabta ma' dan fil-laqgħa tal-COREPER tat-23 ta' Diċembru, li huwa jħoss li l-emendi li attwalment qed jiġu meqjusa mhumiex biżżejjed biex tiġi trattata l-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali. Il-mitigazzjoni tal-effetti tal-kriżi ekonomika internazzjonali teħtieġ grad għoli ta' konsultazzjoni fost l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri pro-attivi biex titħejja u tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni fiżika u finanzjarja tal-proġetti ta' investiment imħeġġa taħt il-Qafas ta' Referenza Strateġiku Nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Portugall ikompli jemmen li jistgħu jkunu kkunsidrati miżuri ta' flessibbiltà u simplifikazzjoni ġodda, speċifikament fir-rigward tad-dispożizzjonijiet komuni rigward il-pagamenti, b'rabta mal-pre-finanzjament, il-pagamenti intermedjarji jew saħansitra r-regoli ta' kalkolu applikabbli għal proġetti li jiġġeneraw dħul. | | | |
| **L-2937 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-23 u l-24 ta' April 2009** | | | |
| Direttiva tal-Parlament Eworpew u tal-Kunsill dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3732/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-diklorometan (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3610/1/09 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: MT |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3715/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3710/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3731/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2938 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-27 ta' April 2009** | | | |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali | 8623/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri | PE-CONS 3606/1/09 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill**
**dwar il-ħtieġa li tiżdied is-sigurtà tal-passaporti u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar billi jintużaw "dokumenti sors" sikuri**

Bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li joħorġu passaporti u dokumenti oħra tal-ivvjaġġar, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenfasizzaw li l-għan li titjieb is-sigurtà tal-passaporti jista' jiddgħajjef jekk il-passaporti jinħarġu fuq il-bażi ta' "dokumenti sors" li ma jkunux affidabbli.

Il-passaport fih innifsu huwa ħolqa waħda biss minn katina ta' sigurtà li tibda mill-preżentazzjoni tad-dokumenti sors, tgħaddi mir-reġistrazzjoni tad-data bijometrika u tispiċċa bit-tqabbil fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri. Din il-katina tkun sikura skont kemm tkun sikura l-iktar ħolqa dgħajfa tagħha.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnutaw li hemm diversità kbira ta' sitwazzjonijiet u proċeduri fl-Istati Membri rigward liema "dokumenti sors" għandhom ikunu ppreżentati sabiex jintalab il-ħruġ ta' passaport u li normalment dawn id-dokumenti jkollhom anqas karatteristiċi ta' sigurtà mill-passaport stess, u aktar jistgħu jiġu kontrafatti u falsifikati.

Il-Kunsill għalhekk ser iħejji kwestjonarju għall-Istati Membri sabiex ikun jista' jqabbel il-proċeduri u d-dokumenti meħtieġa f'kull Stat Membru biex jinħareġ passaport jew dokument tal-ivvjaġġar. Din l-analiżi għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-ħtieġa eventwali li jiġu stabbiliti prinċipji jew linji gwida komuni dwar l-aħjar prattika f'dan il-qasam.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill**
**rigward l-istudju msemmi fl-Artikolu 5a**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnutaw li l-Kummissjoni ser twettaq studju uniku għall-finijiet tal-Artikolu 5a ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 2 ta' [l-abbozz ta'] ir-Regolament li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>APRIL 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3742/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2936 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu, fis-6 ta' April 2009**<br><br>2009/370/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u mal-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottati konġuntement f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001<br>15013/08 + COR 1 + COR 2 (nl) + REV 1 (sk) + REV 2 (sl) + REV 3 (lt) | |

**Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni**

1. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u l-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottata konġuntement f'Cape Town fis-16 ta' Novembru 2001, għandha ssir mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-regoli ta' dritt sostantiv fil-qasam tal-insolvenza. L-Istati Membri mhuma ser jagħmlu l-ebda dikjarazzjoni iżda jibqgħu kompetenti biex jemendaw il-liġi nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-proċeduri ta' insolvenza fl-oqsma koperti mill-Artikolu XXX(3) tal-Protokoll imsemmi. Din il-kompetenza mhix affettwata mill-fatt li l-Komunità m'hi ser tagħmel ebda dikjarazzjoni awtorizzata minn din id-dispożizzjoni.
2. Id-dikjarazzjonijiet li ser tagħmel il-Komunità, waqt l-adeżjoni għall-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli, bis-saħħa tal-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni msemmija ser isiru mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat Membru japplika l-miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni, skont il-liġi nazzjonali tiegħu u fl-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[1].

[1] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-Uffiċċji SIRENE fil-qafas tas-SIS<br>8107/09 + COR 1 (pt)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/323/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li taġġusta s-salarji bażiċi u l-allowances applikabbli għall-persunal tal-Europol<br>14479/08<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Antigwa u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7514/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + COR 3 (nl) + COR 4 (hu)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7518/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + COR 3 (nl) + COR 4 (hu)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7520/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + COR 3 (nl) + COR 4 (hu)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Baħamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7522/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + COR 2 (ee) + COR 3 (fi) + COR 4 (pl) + COR 5 (nl) + COR 6 (hu) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7526/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + COR 3 (nl) + COR 4 (hu)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir<br>7528/09 + COR 1 + REV 1 (ro) + REV 1 COR 1 (ro) + REV 2 (sl) + COR 2 (sv) + COR 3 (pt) + COR 4 (pl) + COR 5 (nl) + COR 6 (hu) + COR 8 (da)<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/314/PESK tas- 6 ta' April 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus, u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/844/PESK<br>7713/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Djalogu UE-Bjelorussja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem<br>8124/09<br><br>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1858/2005 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta’ ħbula tal-azzar u kejbils li joriġinaw, inter alia, mill-Indja<br>7662/09 + COR 1 (de)<br><br>Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1212/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>7617/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE<br>7857/1/09 REV 1 | |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, biex tittieħed in konsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea<br>16447/08 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tadotta l-Komunità Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri AKP-KE fir-rigward ta' deċiżjoni biex jiġi rivedut l-Anness II tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ta' Cotonou<br>7279/09 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem il-Komunità Ewropea fir-rigward ta' proposti biex jiġu emendati l-Annessi A, B u C għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma fir-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet mill-4 sat-8 ta' Mejju 2009<br>6617/1/09 REV 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-16 ta' April 2009**<br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 319/2009 tas-16 ta' April 2009 li jiċċara l-ambitu tad-dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament (KE) Nru 85/2006 fuq importazzjonijiet ta' salamun tat-trobbija li joriġina fin-Norveġja<br>7961/09 + COR 1 (fi) + REV 1 (lt)<br><br>**L-2937 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-23 u l-24 ta' April 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni mill-Montenegro għal sħubija fl-Unjoni Ewropea<br>8260/01/09 REV 1 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**<br>Il-Kummissjoni bi ħsiebha tippreżenta l-opinjoni tagħha matul l-2010. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2008 rigward l-Assistenza mill-KE għall-Iżvilupp fis-Servizzi tas-Saħħa fl-Afrika subSaħarjana flimkien mat-tweġibiet mill-Kummissjoni<br>8162/09<br><br>Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Ħames laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu (Lussemburgu, 27 ta' April 2009)<br>8725/1/09 REV 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità Ewropea għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-klieb il-baħar<br>7723/09<br><br>**L-2938 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-27 ta' April 2009**<br><br>Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sitt Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja (Ministri tal-Affarijiet Barranin), li għandu jsir fil-Lussemburgu fit-28 ta' April 2009<br>8643/09<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/351/CFSP tas-27 ta' April 2009 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Burma/il-Mjanmar<br>8348/09 + COR 1 + COR 2.<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iran<br>8940/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2008 mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Istrument għall-Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni (ISPA), 2000-2006<br>7803/09<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo<br>7765/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Opinjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat ta' Ċipru<br>8325/1/09 REV 1 | |
| 2009/353/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem il-Komunità fi ħdan il-Kumitat għall-Għajnuna Alimentari fir-rigward tal-estenzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Alimentari tal-1999<br>8229/09 | |
| Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Ħames laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja<br>8791/09 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li taġġusta l-konċessjonijiet previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE u d-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill<br>8452/09 + COR 1 (mt) | |
| **Dikjarazzjoni mid-Danimarka**<br>Id-Danimarka tfakkar fl-oppożizzjoni tagħha għall-prinċipju tal-metodu ta' aġġustament tar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-UE, b'kont meħud tal-livell għoli tas-salarji fl-istituzzjonijiet tal-UE. Id-Danimarka qed tivvota kontra l-proposta. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ċerti korpi amministrattivi previsti fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti tal-Persunal<br>8488/09 + COR 1 (mt) + COR 2 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>APRIL 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Burma/il-Mjanmar<br>8838/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sri Lanka<br>9156/09 | |